MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2014

Numru. 934/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Francis Xavier Fenech**

**Bernard Attard**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 24 ta` Settembru, 2013 fil-konfront ta` Francis Xavier Fenech, bin Paul u Rosina xebba Muscat, imwieled Pieta` fis-27 ta` Awissu, 1968, residenti 11, Dawn, Flat 2, Triq il-Kartaġinizi, B`Buġia u detentur tal-karta tal-identita` numru 345668M u Bernard Attard, bin Joseph u Rita xebba Farrugia, imwieled Pieta` fit-28 ta` Frar, 1977, residenti Triq F. M. Ferretti, B`Buġia u detentur tal-karta tal-identita` numru 188977M;

Akkużati talli fl-10 ta` Marzu, 2013 fi Triq il-Bajja s-Sabiħa, B`Buġia, għal ħabta tas-sitta u nofs (18:30 hrs ) filgħaxija;

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta` Francis Zahra f`periklu ċar, ikkaġunaw offiża ta` natura gravi li tista` ġġib periklu ta` debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta` xi parti tal-ġisem;
2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kkaħunaw feriti ta` natura ħafifa fuq il-persuna ta` Francis Zahra, numru tal-karta tal-identita` 386570M, skont kif iċċertifikat minn Dr. L. Grech, numru mediku 3489 mill-Isptar Mater Dei;
3. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bl-imġieba tagħhom kkaġunaw lil ħaddieħor, u ċioe` lil Francis Zahra, biża` li ser tintuża vjolenza kontrih;
4. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kisru l-paċi pubblika b`għajjat u ġlied.

Lil Bernard Attard waħdu akkużat illi:

Irrenda ruħu reċidiv b`diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

Rat li matul is-seduta tat-30 ta' Settembru 2013 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament tagħa u matul il-kors tal-eżami tal-imputati skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputati wieġbu li ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 19 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputati, debitament assistiti mill-Avukat Marion Camilleri, tennew li m'humiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Semgħet il-provi prodotti;

**Ikkunsidrat : -**

Illi f'dan il-każ ġie pruvat li fit-13 ta' Marzu 2013, fi Triq il-Bajja s-Sabiħa, B`Buġia, għal ħabta tas-sitta u nofs (18:30 hrs ) filgħaxija waqt li l-imputati u l-parte ċivile kienu fil-Każin tal-Partit Laburista f'Birżebbuġa (aktar l-isfel imsejjaħ "il-Każin") inqala' argument bejniethom u kien hemm ukoll kommozzjoni u daqqiet imxejrin l'hawn u 'l hemm. Kemm il-parte ċivile kif ukoll l-imputati kienu involuti f'din il-kommozzjoni u daqqiet. Bejnet il-verżjoni tal-parte ċivile u dik tal-imputati hemm diversi diverġenzi dwar kif żvolġa l-argument u l-konsegwenzi li ħarġu minnu.

**Xhieda okulari**

Fl-istqarrija ta' **Francis Xavier Fenech** a fol 7 (datata 7 ta' Lulju 2013) jirriżulta li dan mar il-Każin u kien hemm il-ko-imputat Attard li kien jafu minn wiċċu. Fil-Każin kien hemm raġel ta' karnaġġjon skur li beda joffri s-sigaretti lin-nies. F'ħin minnhom dan ġie imbuttat minn raġel ieħor Malti (li wara rriżulta li kien il-parte ċivile) li ma riedx sigaretti. Dal-Malti qal lir-raġel ta' karnaġġjon skur li ma kienx jaħmlu għax iswed u qabad itih. Kien hemm li Fenech mar iferraq, u waqt li qed iferraq laqqat daqqa fuq ħalqu, pero ma jafx min tahielu. Pero hu jgħid li ddefenda lilu nnifsu billi beda jxejjer ukoll u ma jafx biex ħarġet id-daqqa li ta' u ma jafx fejn laqat. Hu kellu ġrieħi fi snienu pero ma għamilx rapport.

Fl-istqarrija ta' **Bernard Attard** a fol 10 (datata 15 ta' Lulju 2013), il-mod kif żvolġa l-argument huwa deskritt bħala simili għal dak li stqarr Fenech. Attard iżid li huwa kien jaf lil parte ċivile Francis Zahra u rah jagħti daqqa fuq id ir-raġel ta' karnaġġjon skur u wara kien sejjer għalih. Kien f'dan il-mument li Attard u Fenech marru biex iżommu lil Zahra milli jaggredixxi lir-raġel ta' karnaġġjon skur. Pero Zahra kien jidher fis-sakra, beda jxejjer daqqiet bl-addoċċ u Attard jgħid li huwa intlaqat minn żewġ daqqiet ta' ponn. Ma Zahra kien hemm mara b'xagħra isfar li wara li waqfet il-ġlieda, waqt li Attard kien barra ħdejn

martu, dil-mara ħarġet mill-Każin u wadbet borża bis-silġ fid-direzzjoni ta' Attard u Fenech. Attard f'dan il-waqt qabad siġġu biex jilqa' għal din il-borża silġ. Zahra ħareġ mill-Każin u resaq lejn Fenech biex imur ikompli jtih u f'dak il-mument Attard daħħal is-siġġu bejniethom. Din l-istess mara wadbet ukoll flixkun tal-birra Heinken lejn Fenech iżda ma laqtitux, għalkemm laqtitlu l-van. Attard itenni li huwa qala' daqtejn ta' ponn u waqa' wkoll mal-art. Hu jammetti li ta' daqtejn ta' ponn iżda ma jafx lejn fejn ġew, għalkemm jgħid li huwa tahom fid-direzzjoni ta' Zahra. Lil Fenech ralu xuftejh bid-demm iżda lil Zahra ma ralux demm. Attard jgħid li huwa sofra daqqa fuq għajnu, pero ma marx jagħmel ċertifikat.

**<u>Francis Zahra</u>** xehed a fol 30 tal-proċess u qal li dakinhar tal-inċident huwa kien mat-tfajla tiegħu il-Każin u ġie raġel ta' karnaġġjon skur ipejjep ħdejh. Zahra kien għadu kif għamel operazzjoni f'għajnejh tliet ġimgħat qabel u qallu biex imur ipejjep barra u resqu minn spaltu biex imur ipejjep barra. Dan ir-raġel ta' karnaġġjon skur telaq minn ħdejn Zahra u mar fejn kien hemm l-imputati. Resaq lejh Fenech u qallu biex lir-raġel ta' karnaġġjon skur ma jkelmux u xejjirlu daqqa ta' ponn mill-ewwel f'għajnejh il-leminija (ċjoe mhux dik l-għajn li kien operat fiha, peress li dik li kien operat fiha kienet għajnu x-xellugija). Fenech kompla jipprova jtih daqqa oħra pero Zahra laqa' b'idejh għalkemm Fenech irnexxielu joltqu bi żbrixx fuq għajnu x-xellugija. Waqt li Fenech kien qiegħed itih, Attard qabad siġġu tal-ħadid u taħ daqqa (minn wara) fuq rasu u qasamlu rasu fil-fatt.

Apparti minn hekk, Fenech kien ħebb ukoll għat-tfajla ta' Zahra billi ta' wkoll daqqa fuq sidirha u kważi qalibha mal-art; pero Zahra mar u rnexxielu jwaqfu lil Fenech milli jkompli jagħti lit-tfajla tiegħu.

Zahra jżid li mar l-isptar fejn wara li ċċekjawlu għajnejh qalulu li ma kienx jidher li hemm ħsara kbira u qalulu jerġa jmur l-għada fil-għodu. Beda jara ftit imċajpar u l-għada reġgħa mar, rah il-professur u taħ taqtir apposta. Mar id-dar u wara li raqad ftit ħassu li mar għall-agħar minn għajnejh ix-xellugija u reġa' mar l-isptar u wara li nvistawh qalulu li kienet daħlitlu infezzjoni f'għajnejh ix-xellugija u żammewh l-isptar (fol 33). Zahra jgħid li bid-daqqa Fenech baraxlu l-abjad t'għajnejh. Pero bl-infezzjoni li qabditu l-għada ma beda jara xejn minnha dik l-għajn. Kellu jerġa joperah dakinhar stess il-professur Gouder, għamel tliet ġimgħat l-isptar, ħa diversi pilloli u taqtir u għamel sitt xhur ma jistax imur għax-xogħol peress li huwa kien jaħdem fis-settur tal-kostruzzjoni. Sad-data tas-seduta (9 t'Ottubru 2013) kien għadu jqattar f'għajnejh. Lilu kienu invistawh kemm il-Professur Fenech kif ukoll il-Professur Gouder. Pero kien Fenech li operah. Peress li kien għadu mhux jara sew, kien

għadu fiċ-ċans li jagħmel operazzjoni oħra. Sadattant għadu jmur għal check ups regolari l-isptar.

In kontro-eżami jgħid li l-operazzjoni li kien għamel tliet ġimgħat qabel l-inċident kienet dik tal-katarretti u kien operah il-professur Gouder. Jgħid ukoll li meta qal lir-raġel ta' karnaġġjon skur biex jitlaq minn ħdejh messu minn spaltu iżda ma mbuttahx. Dak il-ħin ma kienx irrabbjat, għalkemm kien imdejjaq b'dak ir-raġel ipejjep ħdejh. L-argument inqala' fi kwistjoni ta' sekondi. Lil dak ir-raġel ta' karnaġġjoni skur ma jafx min kien. L-inċident seħħ viċin ta' fejn kien hemm in-nies – li kienu madwar 15 jew 20 ruh b'kollox. Jgħid li minbarra t-tfajla li kienet miegħu hemm ukoll il-barman li ra' kollox iseħħ. Kien hemm ukoll raġel ieħor li ra l-inċident. Għalkemm lill-imputati kien jafhom minn Birżebbuġa u ġieli kellimhom ukoll, qatt ma kellu xi jgħid magħhom qabel.

Fl-istess udjenza xehdet it-tfajla ta' Francis Zahra, ċjoe **Joanne Aquilina**. Din irrakkuntat li kienet ma Zahra il-Każin u f'ħin minnhom resaq dan ir-raġel ta' karnaġġjon skur ipejjep sigarett u Zahra qallu biex jitlaq minn ħdejh. Zahra imbuttah l-hemm billi (a fol 45) tgħid : "Kif imbuttah resqu biex jersaq 'l hemm....kemm resqu qallu dejjaqtni tpejjep hdejja". Kif dan ir-raġel ta' karnaġġjon skur telaq minn ħdejn Zahra resaq Fenech qal lil Zahra biex ma jmissux lil dak ir-raġel f'dak il-mument Fenech "beda jaghtih hekk mill-ewwel" billi Fenech beda "jaqla jdejh u jaghtihielu mill-ewwel... go wiccu" lil Zahra (fol 46). Din id-daqqa kienet bil-ponn.

Din il-ġlieda kompliet ukoll barra l-ħanut u sa dak il-punt ix-xhud tgħid li lil Zahra ratu jaqlu biss u mhux jagħti. Kif kienu barra mill-ħanut, kien hemm Attard li "waqt li beda jaghtih wiehed minnhom, l-iehor qabad siggu u taghhielu minn wara wkoll". Dan seħħ waqt li Zahra kien qiegħed jiġi msawwat minn Fenech u Zahra kien wiċċu lejn Fenech. Attard tah id-daqqa ta' siġġu tal-ħadid lil Zahra minn warajh. Ix-xhud bdiet tgħajjat "halluh halluh" u Fenech mar għaliha wkoll iżda kif ra lil Fenech riesaq lejha, Zahra mar fuq Fenech u żammu. Fenech "kien ġej ghalija kien ha jaqbadni minn hawn (sidirha) u jinbuttani, qabdu Frankie dak il-hin u dam ma waqfu" (fol 47). Skont din ix-xhud dak il-ħin tal-inċident fil-Każin kien hemm madwar ħamsin ruh.

In kontro-eżami Aquilina tgħid li Zahra ratu :"mhux irrabbjat, qallu ersaq u hekk u dak beda jidhak l-iswed". Pero a fol 50 tgħid li Zahra kien xi ftit irrabbjat. Aquilina tikkonferma wkoll li Zahra lil dak ir-raġel ta' karnaġġjon skur kien "imbuttah hekk u qallu dejjaqtni" u

kien f'dak il-mument li intervjenew l-imputati. Inoltre hija tikkonferma li lilha ħadd mill-imputati ma messha jew imbuttaha. Fenech kien sejjer lejha iżda Zahra kien laħaq waqfu.

**Joseph Portelli**, il-barman tal-Każin xehed a fol 70. Dan ix-xhud huwa xhud okulari li ma kienx involut personalment fil-ġlieda, iżda inzerta li din il-ġlieda bdiet quddiemu. Jibda' biex jgħid li dak li weġġa' jaf li kienu "daru ghalih tnejn minn nies" li wara identifika bħala l-imputati preżenti fl-awla. Dan jgħid li l-ġlieda inqalgħet quddiem il-bar fejn kien hu madwar żewġ metri l-bogħod minnu. Ir-rakkont tiegħu huwa dan : "Jiena kull ma naf li kien hemm wiehed iswed, mar biex inewwel sigarett lil dak li ġralu hekk jiġifieri.....u dan il-wiehed naf li tajjar is-sigarett, il-pakkett tas-sigaretti gie go l- bar....tajjarlu l-pakkett minn idejh....imbaghad rajt il-glieda tinqala' issa fuq xiex ma nafx." Dan ix-xhud iżid li kien hemm spazju ta' ftit ħin bejn dan l-episodju u l-bidu tal-ġlieda. F'din il-ġlieda kienu involuti l-imputati, il-parte ċivile u t-tfajla li kienet miegħu. Ma jaħsibx li din it-tfajla kienet involuta fil-ġlieda ġewwa l-bar u hu ma rahiex involuta fil-ġlieda. Il-ġlieda kienet bl-idejn, pero kien hemm ukoll siġġu tar-rexin u ħadid involut, li ttieħed mill-bar stess. Dak li qabad dan is-siġġu kien Bernard Attard u x-xhud prova jżomlu dan is-siġġu dak il-ħin.

In kontro-eżami ix-xhud Portelli jgħid li ma kienx jaf min beda' l-kwistjoni għax hu kien qiegħed jaqdi lin-nies dak il-ħin u ma jafx jekk Bernard Attard kienx qiegħed jiddefendi ruħu. Is-siġġu ma jafx għaliex qabdu. Lil parte ċivile jafu għax kien ikun il-Każin u jaf li jismu Frankie u jgħidulu s-"savage". Lill-imputati ma jafhomx.

**L-imputat Francis Xavier Fenech** xehed a fol 115. Dan b'żieda ma dak li kien qal fl-istqarrija qal li lil parte ċivile ma rahx biss itajjarlu s-sigaretti minn idu lir-raġel ta' karnaġġjon skur talli raħ itih daqqa ta' ponn u dan ir-raġel niżel fl-art. Fenech mar jara x'ġara u l-Malti qallu "gej inti tindahal u f'daqqa u l-pront xejjirli daqqa ta' ponn, faragni u caqlaqli sinna". Il-Malti kien jidher fis-sakra jew dragjat u beda jixxenja quddiem in-nies. Pero kien il-Malti li l-ewwel xejjirlu daqqa ta' ponn u mbagħad dan ix-xhud iddefenda ruhu billi "harget idejja, ma nafx kif harget" u ma jafx jekk laqatx lil xi hadd dak il-hin. Imbaghad telaq il-barra. Ma jidhrilux li ġara xi ħaġa barra l-Każin għax hu kien stordut. Wara mar id-dar u ma marx il-Poliklinika għax beżgħa. Qatt ma kien involut fi ġlieda qabel dakinhar. Ikkonferma l-istqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija bil-ġurament.

In kontro-eżami l-istess xhud ikompli jtenni li ma marx jagħmel rapport jew ċertifikat għax jibża' mill-Pulizija. Għalkemm jgħid li jaf li qala daqqa fuq ħalqu pero jkompli jgħid li għadu ma jafx min tahielu (ara a tergo ta' fol 119). Biss il-Qorti rat li dan ix-xhud ftit ħin

qabel kien għadu kif għamel stqarrija totalment differenti a fol 116 meta kien qal li l-Malti qallu "gej inti tindahal u f'daqqa u l-pront xejjirli daqqa ta' ponn, faragni u caqlaqli sinna". Il-Qorti kkonfrontatu b'din l-istqarrija u a fol 120 ix-xhud itenni li huwa qala' daqqa ta' ponn, li l-Malti "xejjer daqqa ma nafx jekk mhux hu jew ma ġenbu ma nafx" u kompla jgħid li huwa d-daqqa ma jafx minn fejn ġietu għax "jien wiċċi fuq l-iswed kont"(fol 120 tergo).

L-imputat **Bernard Attard** xehed a fol 123. Dan jgħid li huwa daħal il-Każin waħdu iżda l-mara tiegħu baqgħet tistennieh barra l-Każin. Reġgħa tenna l-episodju ta' meta kien hemm ir-raġel ta' karnaġġjon skur joffri s-sigaretti lin-nies u daħal Frankie Zahra li wara li mar dan ir-raġel fuqu biex joffrilu sigarett, Zahra beda jkelmu ħażin u joffendih bir-razza u bir-radika u li ma kienx jaħmlu. Zahra beda jxejjer b'idu u jagħti u "ahna dhalna biex inferqu" – ċjoe hu u l-ko-imputat – u dan għax dan ir-raġel kien ħdejhom. Attard jgħid li ra' l-Zahra jagħti daqqa ta' ponn fuq id ir-raġel ta' karnaġġjon skur u l-pakkett tas-sigaretti tefgħhulu wara l-bar. Attard ra' lil Zahra "jxejjer u joffendih bil-ponn u hekk insomma u kif dhalna ahna fin-nofs....biex inferquhom bejn l-iswed u Frankie raqat lili hawn hekk...Frankie. U mbaghad ifhimni jien iddefendejt ruhi."

Attard jgħid li l-ewwel daqqa ta' ponn ra' ġejja lejh mingħand Zahra u jaħseb "li pprova jolqot lil immigrant mhux lili...ghax imbaghad ahna dhalna biex inferqu u inti nahseb ixxejjer daqa ta' ponn la tidhol fin-nofs ma tafx lil min ha tolqot....x'hin qlajt dik id-daqqa ta' ponn xejjirt daqtejn....lejn Frankie hux."

Nies involuti fil-ġlieda kien hemm biss hu, Zahra, Fenech u r-raġel ta' karnaġġjon skur. Biss dan ir-raġel kif inqalgħet il-kommozzjoni ma raħx aktar.

Imbagħad ikompli jgħid li qala' daqqa ta' ponn u waqa' mal-art u kif qam ħareġ il-barra u f'dak il-ħin jara lil Zahra u lit-tfajla li kienet miegħu ħierġa b'borża bis-silġ u wadbitha lejn id-direzzjoni ta' Fenech. Kif ra' hekk Attard qabad siġġu barra u l-borża tas-silġ infaqgħet mas-siġġu. Hu għal ebda raġuni ma qabad is-siġġu għal xi ħadd. Zahra reġgħa prova jwaqqa' lil Fenech. Is-siġġu kien fuq il-bankina. Attard ma marx jirraporta lil Pulizija u jgħid li żbalja meta ma għamilx hekk. Jgħid li huwa kellu d-demm u li anke Fenech kien bid-demm. Attard ikompli jgħid li huwa ma jafx min tah id-daqqa ta' ponn għaliex sitt idejn kien hemm. Lil min tah id-daqqa jaħfirlu għax ma kellu xejn għalih. Pero hu minn naħa tiegħu jaf li d-daqqiet ta' ponn tahom lil Zahra għaliex "jiena lil Frankie ppruvajt hux la qala' l-glieda hu".

In difesa xehdet **Ruth Attard**, mart Bernard Attard, a fol 137. Din tgħid li hija fil-Każin ma daħlitx pero ttawlet ġewwa. Wara ftit ħin li żewġha daħal fil-Każin biex iġibilha drink, ratu ħiereġ ftit stordut. Huma u sejrin lejn il-karozza tagħhom li kienet ipparkjata ħdejn il-Każin rat lil ħabiba ta' Zahra ħierġa b'borża silġ li wadbet fid-direzzjoni tagħhom. Żewġha qabad siġġu u mar jilqa' l-borża tas-silġ biha. Kienet hi li ħaditlu dan is-siġġu lil żewġha. Ma tafx x'materjal kien dan is-siġġu. Fenech kien barra wkoll sejjer lejn il-vann tiegħu iżda meta ra' din il-biċċa xogħol, reġgħa "ġie". Il-borża bis-silġ wadibitha fid-direzzjoni ta' Fenech pero kien żewġha li laqagħha bis-siġġu. Rat li Fenech kellu d-demm u din il-ħabiba ta' Zahra bdiet tgħidlu li ser tpattihielu lil Fenech. Dak il-ħin lil żewġha ma ratlux demm pero innotatlu d-demm mal-flokk meta marru d-dar. Tiftakar flixkun tal-birra pero ma tafx eżatt. L-inċident kif żviluppa ma tafx. Pero taf li l-ħabiba ta' Zahra ma ħarġitx minn ġewwa l-Każin. Kien hemm trailer barra u x-xhud assumiet li l-borża bis-silġ ġabitha minn hemm. Il-borża ġabitha minn barra u mhux mill-Każin.

In kontro-eżami konfrontata bl-istqarrija ta' Joseph Portelli li s-siġġu kien ħadu hu minn id Attard, din ix-xhud saħqet li kienet hi li ħaditu s-siġġu minn id żewġha.

**Xiehda medika**

It-**tabib dott.ssa Leanne Grech** xehdet a fol 56 u kkonfermat iċ-ċertifikat rilaxxjat minnha fil-11 ta' Marzu 2013 għas-13:00 (a fol 16). Skont dan iċ-ċertifikat dawn il-ġrieħi kienu -

a. Bilateral periorbital bruising and swelling;
b. Bilateral subconjunctival haemorrhages;
c. Small area of bruising right eye retina inferiorly;

Dawn il-ġrieħi ġew minnha klassifikati bħala "mild/slight".

Dan ifisser li Zahra kellu tbenġila u nefħa u kienet ratlu ħmura fiż-żewġt għajnejn filwaqt li kellu tbenġila fuq in-naha tal-lemin fuq ir-retina fuq wara. Hi kienet ratu biss darba u dawn il-ġrieħi kienu ħfief. Ma kienetx ikkonsultat il-medical history tiegħu dakinhar.

A fol 59 xehed it-**<u>tabib dott. James Vassallo</u>** li kkonferma l-case summary relattiv għal parte ċivile Francis Zahra. Dan stqarr li lil Zahra kien rah u li kien dam l-isptar 20 jum. Dan it-tabib kien rah l-ewwel darba il-Ħadd 10 ta' Awissu (recte Marzu) 2013. Dakinhar Zahra kien irraporta lil dan it-Tabib li kien qala daqqa ta' ponn fuq għajnu l-leminija u kien ukoll milqut b'siġġu fuq rasu. Kellu nefħa madwar għajnejh il-leminija u rraporta wkoll li kien qed jara ftit imċajpar minn għajnu l-leminija. "Ma kienx qed jghid li kellu sintomi fuq in-naħa l-oħra. Bhala vista kienet tajba, jigifieri kienet within normal limits nghidulha u fuq in-naha l-operata ghax kien ghamel operazzjoni fuq in-naha l-ohra kien jidher li ma kienx hemm problemi dak in-nhar li kont rajtu jiena" (ara fol 60). Dan it-tabib iżid jgħid li Zahra kien jidher li żviluppa xi infezzjoni fl-għajn l-oħra li kien għamel l-operazzjoni tal-katarretta fiha fl-20 ta' Frar 2013. Skont dan it-tabib is-sinjali tad-daqqa kienu fuq l-għajn il-leminija mentri l-infezzjoni seħħet fuq l-għajn ix-xellugija. L-infezzjoni li kien hemm fl-għajn ix-xellugija kienet infezzjoni gravi tant li kellha tiġi operata u kellu jieħu antibijotiċi fil-vina.

Ikompli jżid li : "Skont dak li ktibt hawn hekk jiena jidher li kellu griehi fuq naha pero' zviluppa kumplikazzjonijiet ta' wara l-operazzjoni li hija komplikazzjoni over all rari hafna illi ha hijiex spjegata mill-griehi li ktibt hawn hekk li kellu dak in-nhar" (fol 61). Fuq mistoqsija tad-difensur tal-parte ċivile dwar kemm iddum din l-infezzjoni biex toħroġ, dan it-tabib qal li "Mhux kollha l-istess. Skont it-tip ta' mikrobi li jikbru, hemm dawk li johorgu early wara l-operazzjoni u hemm dawk li johorgu tard hafna jigifieri xhur wara." Din l-infezzjoni ħarġitlu l-għada li kien rah (hu kien rah fl-10 ta' Marzu 2013). Dan it-tabib jgħid ukoll li din l-infezzjoni solitament isseħħ għaliex ikun hemm kontaminazzjoni waqt l-operazzjoni aktar milli l-pazjent ikun għamel xi ħaġa. Biss innota li kien għadda żmien mhux ħażin bejn l-operazzjoni u l-infezzjoni. Innota wkoll li normalment din l-infezzjoni tkun kawża tal-operazzjoni u anzi jista' wkoll il-pazjent stess jikkawżaha jekk matul l-ewwel ġimgħa ma joqgħodx attent u ma jipproteġix għajnejh, ma jqattarx, ixarrabha u anke jekk forsi jagħmlu xi make-up, żebgħa fix-xagħar eċċetra. Għalkemm normalment kienet tkun kawża tal-operazzjoni, dan it-tabib qal li "ma tistax teskludi mija fil-mija li żgur ma hijiex mill-aggressjoni li kellu hu" (ara fol 63). Din l-infezzjoni pero kienet fil-parti interna tal-għajn jiġifieri fil-ballun tal-għajn, taħt l-abjad tal-għajn jiġifieri fin-naħa ta' ġewwa tal-għajn. Pero ma rriżultalhomx x'tip ta' mikrobu kien għax fil-laboratorju ma kien kiber xejn u dan setgħa jkun minħabba l-antibijotiċi li kien qiegħed jieħu Zahra. A fol 65 jgħid li dakinhar li rah u nvistalu għajnu x-xellugija Zahra kien qiegħed jara kważi normali, iżda l-għada ma kien qiegħed jara prattikament xejn.

Għall-mistoqsija tal-Uffiċjal Prosekutur jekk il-fatt li l-parte ċivile jtenni li huwa qala daqqa bi żbrixx f'għajnu x-xellugija kien fattur kontributorju għal din l-infezzjoni, dan it-tabib jikkonkludi li : "Iva jekk ikun hemm penetrazzjoni ta' l-ghajn iva pero' trid tkun daqqa kbira

ghax trid tidhol fil-ballun ta' l-ghajn biex il-mikrobi jithlu minn barra ghal ġewwa" (fol 65). Anzi a fol 66 fuq domanda tal-Qorti dwar meta invistalu għajnu xellugija innotax xi ħaġa mhix f'postha dan it-tabib jgħid li : "eżatt u kien jidher li kienet ftit zghira hamra fejn suppost ikun abjad kien jidher daqs xejn ahmar pero' l-lenti minn ġewwa kienet tidher f'postha u ma kienx hemm sinjali ta' infjammazzjoni fiha fuq dik in-naha jigifieri ma kienx hemm sinjali ta' infjammazzjoni....esternament kien hemm just hmura fuq l-ghajn biss pero' jistghu ikunu kawżi differenti li anka jekk tkun daqs xejn wahda xotta tihmar daqs xejn l-ghajn." Il-ħmura kienet madwar il-kulur tal-għajn.

Xehed ukoll il-**kirurgu dott. Melvin Gouder** a fol 83 u 93. Dan it-tabib xehed li huwa kien opera lil Francis Zahra fl-20 ta' Frar 2013. Fl-10 ta' Marzu 2013 Zahra kien mar l-isptar u invistah tabib junior tiegħu li rraporta li Zahra kien qallu li kien qalgħa daqqa ta' ponn fuq għajnejh il-leminija u kien ukoll qala' daqqa ta' siġġu f'rasu. Pero dakinhar it-tobba ma kienux preokkupati u bagħtuh id-dar. Biss reġgħa mar l-isptar l-għada u dakinhar ġibdulu l-attenzjoni li Zahra kien żviluppa problema serja fl-għajn tax-xellug li kienet diġa ġiet operata. Meta rah dan it-tabib sab li Zahra kellu infezzjoni akuta u serja ħafna fl-għajn u jekk ma kienx sejjer isir intervent kienet tintilef. Iddeċieda li jdaħlu biex joperah fit-12 ta' Marzu 2013 fejn ħadulu ftit jelly mill-għajn u injettawlu l-antibijotiċi. Baqgħa jiffolowjah bħala pazjent outpatient.

Aktar il-quddiem għal mistoqsija tal-Uffiċjal Prosekutur jekk din l-infezzjoni setgħetx isseħħ f'dawk it-tliet ijiem bejn li Zahra kien mar l-ewwel darba l-isptar u l-ġurnata fejn operah hu f'għajnejh ix-xellugija, dan ix-xhud qal hekk : - "Ehe pero' mhux esklussivament jista' jkun hemm każijiet oħra. Iva trauma hija illi tista' taghmel riskju ta' infezzjoni fl-ghajnejn. Għal mistoqsija tal-Qorti jekk bħala konsegwenza tat-trawma sofferta minn Zahra jistax ikollok dik it-tip t'infezzjoni li ra' hu, dan ix-xhud qal li "Iva definittivament. Narawha f'ħafna każijiet hekk."

***Ikkunsidrat : -***

Mir-rijassunt hawn fuq riportat huwa evidenti li f'dan il-każ mhux biss ix-xiehda tax-xhieda okulari hija mimlija b'diskrepanzi; iżda anke dik tat-tobba li nvistaw lil Francis Zahra. Kull xhud li xehed jagħti sfumaturi differenti lil dak li ra u għamel. Kollha, kjarament, motivati minn interessi differenti, jekk mhux ukoll kunfliġġenti. Fil-fatt anke d-difiża kkonċediet li

fil-verżjoni tal-fatti rakkontati mill-imputati setgħet tinnota li kien hemm xi diskrepanzi bejn dak li stqarrew l-imputati fl-istqarrija tagħhom lil Pulizija għal dak li xehdu viva voce.

Il-Qorti tinnota li l-istqarrijiet tal-imputati ittieħdu kważi erba' xhur wara dan l-inċident. Bejn l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Fenech u dik rilaxxjata mill-imputat Attard kien hemm diskrepanza ta' ġimgħa. Fenech u Attard għalkemm ma jgħidux li huma ħbieb ta' xulxin, jgħidu li huma konoxxenti. Konoxxenti biżżejjed li Attard joffri drink Fenech u aktar minn hekk li jidħlu allegatament iferqu tilwima bejn wieħed Malti u ieħor barrani – u jispiċċaw involuti b'ruħ ommhom fi kwistjoni li setgħu faċilment evitaw li jidhlu fiha.

Tliet xiehda – Frankie Zahra, Joanne Aquilina u Joseph Portelli jikkonfermaw li kien veru li raġel ta' karnaġġjon skur kien mar joffri sigaretti lil Zahra. Zahra ma riedx sigaretti u ma riedux ipejjep ħdejh u beda jkeċċih 'l hemm u anke mbuttah minn idu. Anzi Portelli, bħal ma jgħidu l-imputati tajjar il-pakkett tas-sigaretti minn id dan ir-raġel ta' karnaġġjon skur liema pakkett spiċċa wkoll wara l-bar fejn kien hemm Portelli. Għalhekk ix-xiehda ta' Portelli u tal-imputati magħquda flimkien turi li Zahra ma kienx daqshekk delikat ma' dan ir-raġel ta' karnaġġjon skur bil-mod kif tajjarlu l-pakkett minn idejh.

Dan il-ġist da parti ta' Zahra jidher li skatta l-miċċa tal-inċident li segwa.

L-imputati jgħidu li marru biex iferqu. Anzi Fenech jagħti ftit kulur lill-inċident meta matul id-deposizzjoni tiegħu jgħid li Zahra lir-raġel barrani tah daqqa ta ponn u dar-raġel niżel mal-art. Anke l-entita' tad-daqqiet li qala' Fenech awmentaw maż-żmien meta xehed li l-Malti kien pront u xejjirlu daqqa ta' ponn, farġu u ċaqlaqlu sinna". Fl-istqarrija tiegħu b'mod mhux ċar jgħid biss li kellu xi diffikulta b'xi sinna u ma jsemmix li nfaraġ. U l-anqas isemmi li kien Zahra li kkaġunalu dawn il-ġrieħi. Anke quddiem il-Qorti filli f'fol 116 qal li kien Zahra li xejjirlu d-daqqa ta' ponn filli fl-istess nifs qal li ma kienx jaf min tahielu d-daqqa. Żgur hu li la rraporta l-inċident u l-anqas ma mar jiddewwa u jġib ċertifikat mingħand tabib. Din timmilita kontra l-kredibbilta ta' dan ix-xhud.

Il-verżjoni ta' Attard hija ftit aktar konsistenti – għalkemm żewwaq ukoll l-episodju tar-raġel barrani billi, a differenza ta' dak li qal fl-istqarrija żied li Zahra beda joffendih bir-razza u r-radika u beda jxejjer idejh u joffendih bil-ponn. Kien hemm li hu u Fenech indaħlu fin-nofs. Pero dan ix-xhud jgħid dettall importanti li Frankie xejjer idejh u "raqat lili hekk...Frankie. U mbaghad ifhimni jien iddefendejt ruhi." Jgħid li l-ewwel daqqa ta' ponn ra' ġejja lejh

mingħand Zahra u jaħseb "li pprova jolqot lil immigrant mhux lili...ghax imbaghad ahna dhalna biex inferqu u inti nahseb ixxejjer daqa ta' ponn la tidhol fin-nofs ma tafx lil min ha tolqot....x'hin qlajt dik id-daqqa ta' ponn xejjirt daqtejn....lejn Frankie hux." Jekk verament li Frankie Zahra beda jxejjer biex jolqot lir-raġel il-barrani, għaliex huwa għażel li jxejjer daqtejn ukoll. Minn kliem dan ix-xhud, ma kienx jaf min tahielu d-daqqa għax sitt idejn kien hemm. Pero imbagħad jgħid li Zahra kien qiegħed ixejjer idu u donnu ma riedx li jolqot lilu. Minn dan il-kliem jidher li Zahra, jekk kien qiegħed ixejjer idu, ma kellux il-ħsieb li jweġġa lilu; iżda x-xhud meta jgħid li ddefenda lilu nnifsu ma jgħidx li huwa prova jilqa għad-daqqiet ta' Zahra iżda li hu stess xejjer "daqtejn... lejn Frankie hux". Jekk, *dato ma non concesso, gratia argomenti* kien hemm element ta' difiża, issa din inbidlet u saret waħda t'aggressjoni għax minn kliemu u bl-azzjoni tiegħu mar lil hinn mill-limiti tal-leġittima difesa personali. Francis Xavier Fenech ukoll itenni li ma jafx min tahielu d-daqqa għalkemm a fol 116 jgħid li kien Zahra li xejjirlu d-daqqa ta' ponn. Biss dax-xhud jgħid ukoll li l-mod ta' kif iddefenda ruhu kien li "harget idejja, ma nafx kif harget" u ma jafx jekk laqatx lil xi ħadd dak il-ħin. Anke hawn minn dan il-kliem il-Qorti ssibha ftit bi tqila li taċċetta li dak li mar biex iferraq minflok jilqa' għad-daqqiet spiċċa biex hu stess jagħti daqqiet b'idu "alla cieca".

Fil-fehma tal-Qorti, determinanti għal din il-vertenza hija d-deposizzjoni skjetta ta' Joseph Portelli li meta jiddeskrivi l-inċident – li seħħ biss żewġ metri l-bogħod minn fejn kien hu - ma jgħidx li l-imputati marru jferqu jew bdew jiddefendu ruħhom minn aggressjoni inġusta, gravi u inevitabbli kontrihom daqskemm li fir-rigward ta' Zahra "daru ghalih tnejn minn nies" li wara identifika bħala l-imputati preżenti fl-awla. It-tifsira ordinarja tal-espressjoni "daru għalih" timplika azzjoni t'aggressjoni minn min ikun qiegħed idur għal xi ħadd u mhux azzjoni difensiva ta' dawk li jkunu qegħdin "iduru" għal dik il-persuna. Dan ix-xhud isaħħaħ il-verżjoni tal-parte ċivile u tal-prosekuzzjoni – anke peress li huwa l-inqas xhud "interessat" mix-xiehda okulari kollha li xehdu.

Ix-xiehda ta' Ruth Attard hija wkoll parzjali u tikkontrasta ċerti aspetti tax-xiehda ta' żewġha - bħal fejn kienet it-tfajla ta' Zahra – hi tgħid li mhux minn ġewwa ħarġet (fol 142) mentri żewġha jgħid li "ħarġet" u wadbet borża silġ (fol 11) u meta xehed jgħid (a fol 130) li l-borża ġabitha minn barra ħdejn trailer li kien armat hemmhekk; żewġha jgħid li kellu d-demm (fol 131) mentri hi ma ratx demm fuq żewġha ħlief fuq il-flokk meta marru d-dar u anzi hi assumiet li kien demm minn ta' Fenech "peress li rajt id-demm nieżel minn ta' Saviour ghid li peress li kienu flimkien iċċappas jew hekk" (fol 141). Anke fuq dettall sinjifikanti bħal dak tal-użu tas-siġġu da parti ta' żewġha hemm konflitt serju ma dak li xehed Joseph Portelli. Hekk per eżempju Portelli jtenni li ġie użat siġġu tal-ħadid u rexin minn Bernard Attard waqt il-ġlieda – pero dan ittieħed mill-bar stess u kien Portelli stess

prova jżomm lil Attard milli jkompli juża s-siġġu. Ruth Attard tgħid li s-siġġu żewġha ġabru minn barra l-Każin biex jilqa' għall-borża tas-silġ li t-tfajla t'Attard kienet garat lejn Fenech. Biss fl-istqarrija tiegħu a fol 11, żewġha jgħid li huwa qabad is-siġġu pero ma sawwat lil ħadd bih. Fl-istqarrija jgħid li meta kien barra Zahra reġgħa ħebb għal Fenech u Attard qabad siġġu u daħħal is-siġġu bejniethom iżda ma ta' lil ħadd bih. Fix-xiehda tiegħu a fol 131 Attard jikkonferma li s-siġġu qabdu minn barra fuq il-bankina iżda wżah biex tinfaqa' l-borża tas-silġ li wadbet it-tfajla ta' Zahra miegħu. Ruth Attard (a fol 147) tgħid li mhux veru li żewġha ma idaħħal is-siġġu bejn Zahra u Fenech mentri kif intqal aktar il-fuq fl-istqarrija tiegħu żewġha kien qal li huwa kien uża dan is-siġġu billi daħlu bejn Zahra u Fenech meta skontu Zahra reġgħa ħareġ barra għal Fenech. Il-Qorti tqis li dawn id-diskrepanzi ftit li xejn isaħħu l-argumenti tad-difiża u jekk xejn jixprunaw l-argumenti tal-Prosekuzzjoni f'dan il-każ.

Ix-xiehda ta' Zahra, Aquilina u Portelli tipponta lejn azzjoni t'aggressjoni diretta lejn Zahra minn Fenech u minn Attard. Portelli jgħid li l-imputati daruh lil Zahra. Zahra u Aquilina jiddeskrivu kif Fenech kien l-ewwel li ta daqqa lil Zahra u wara Attard qabad siġġu ta' daqqa bis-siġġu fuq ras Zahra minn naħa ta' wara.

Il-kwistjoni tal-użu tas-siġġu minn Attard hija kontroversa. Pero din il-Qorti hija moralment konvinta li Zahra qala' daqqa ta' siġġu fuq rasu għar-raġunijiet segwenti : -

Portelli jgħid li mill-bar kien ittieħed siġġu tal-ħadid u rexin u li kien intuża minn Attard fuq Zahra. Pero ma jiddiskrevix **kif** ġie hekk użat. Kwantu għal ġrieħi sofferti minnu, Zahra jgħid li Fenech xejjirlu daqqa ta' ponn mill-ewwel f'għajnejh il-leminija (ċjoe mhux dik l-għajn li kien operat fiha, peress li dik li kien operat fiha kienet għajnu x-xellugija). Fenech kompla jipprova jtih daqqa oħra pero Zahra laqa' b'idejh għalkemm Fenech irnexxielu joltqu bi żbrixx fuq għajnu x-xellugija. Waqt li Fenech kien qiegħed itih, Attard qabad siġġu tal-ħadid u taħ daqqa (minn wara) fuq rasu u qasamlu rasu.

L-użu tas-siġġu filfatt kien konfermat, għalkemm f'kuntest differenti minn Attard u martu. L-użu tas-siġġu minn Attard waqt il-ġlieda ġie wkoll konfermat minn Portelli, li kien dak li ħadlu s-siġġu lil Attard. Joanne Aquilina wkoll tgħid li kif kienu barra mill-ħanut, kien hemm Attard li "waqt li beda jaghtih wiehed minnhom, l-iehor qabad siggu u taghhielu minn wara wkoll". Dan seħħ waqt li Zahra kien qiegħed jiġi msawwat minn Fenech u Zahra kien wiċċu lejn Fenech. Attard tah id-daqqa ta' siġġu tal-ħadid lil Zahra minn warajh

waqt li kienu barra mill-Każin. Ix-xhud bdiet tgħajjat "halluh halluh" u Fenech mar għaliha wkoll iżda kif ra lil Fenech riesaq lejha, Zahra mar fuq Fenech u żammu.

Mill-banda l-oħra, it-tabiba li invistat lil Zahra l-għada tal-inċident, għalkemm Zahra jgħid li bid-daqa tas-siġġu Attard qasamlu rasu, fiċ-ċertifikat maħruġ minnha (a fol 16 datat 11/3/13 fis13:00) ma ssemmi ebda traċċa ta' qasma fir-ras ta' Zahra. Biss fil-case summary maħruġ mit-Tabib James Vassallo a fol 17, dan jgħid li fl-10 ta' Marzu 2013 meta Zahra kien invistat l-ewwel darba l-ophthalmic casualty dan ilmenta wkoll mill-fatt li huwa kien ġie mogħti daqqa ta' siġġu fuq rasu. Biss dan il-case summary ma jsemmi ebda riferenza għal xi ġrieħi allegatament marbuta ma din id-daqqa ta' siġġu fuq ras Zahra. Mill-banda l-oħra fiċ-ċertifikat maħuġ mid-Dipartiment tal-Emerġenza a fol 98 jirriżulta li Zahra ġie dijanjostikat "HAS LCW IN SCALP L SIDE". Il-Qorti tifhem li din tirreferi għal "lacero-contused wound" fil-qurriegħa tar-ras fin-naħa tax-xellug. Hemm imniżżel ukoll li kellu "visual head injury after being hit by a chair. Severe R periorbital swlling + some blurring".

Il-Qorti hija moralment konvinta li dan ma kienx każ ta' leġittima difeża da parti tal-imputati iżda li kien hemm l-estremi fejn dan l-inċident iddeġenera f'atti t'aggressjoni li kkaġunaw offiżi fuq il-persuna ta' Francis Zahra. Din il-Qorti hija moralment konvinta li r-reat fit-tieni imputazzjoni huwa integrat in kwantu hemm ir-rabta kemm fattwali kif ukoll ġuridika bejn l-azzjoni tal-imputati u l-konsegwenzi ravviżati fit-tieni imputazzjoni. Del resto anke s-senzazzjoni ta' sempliċi uġiegħ tista tkun suffiċjenti biex titqies li tintegra offiża ta' natura ħafifa jekk l-elementi l-oħra tar-reat ikunu pruvati.

Minn qari tad-deposizzjoni ta' Joanne Aquilina jirriżulta wkoll li l-inċident li beda fil-Każin kompla jiżvolġi barra l-Każin u kien hemmhekk li ġie wkoll użat is-siġġu minn Attard fuq Zahra waqt li Fenech kien għadu qiegħed jagħti lil Zahra. Mhux kontestat mill-provi prodotti (għalkemm ma hemmx qbil fuq l-ammont ta' nies involuti) li minbarra d-dramatis personae f'dan il-każ kien hemm għadd ta' nies oħra li kienu fil-bar jew barra ħdejn il-bar. Il-Qorti hija konvinta moralment li mill-kumpless tal-fatti kif esposti quddiemha hemm provi biżżejjed biex jissusistu l-estremi tar-raba imputazzjoni u r-reat jitqies integrat.

Dwar it-tielet imputazzjoni stante li kemm mill-mod kif l-imputazzjonijiet huma redatti kif ukoll li mill-provi prodotti ma jirriżultax li kien hemm "course of conduct" li jista jintegra r-reat, din il-Qorti ma tistax tqis dan ir-reat bħala legalment sostenibbli f'dan il-każ.

Kwantu għall-ħames imputazzjoni fir-rigward ta' Bernard Attard il-Qorti tqis li tali imputazzjoni mhix legalment sostenibbli ai termini tal-Artikolu 25 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

***Ikkunsidrat : -***

Tibqa' l-kwistjoni li tiċċentra dwar l-ewwel imputazzjoni – ossija dik li l-imputati ikkaġunaw offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francis Zahra skont l-Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-Kodiċi Kriminali.

Għalkemm iċ-ċertifikat eżibit a fol 98 jgħid li kien hemm il-qasma fir-ras, ma nġiebet ebda prova dwar jekk din hix offiża ta' natura ħafifa jew gravi.

Il-kwistjoni l-aktar serja tittratta l-infezzjoni li Zahra sofra f'għajnejh ix-xellugija u li ġie operat għaliha. Mill-provi prodotti jirriżulta li meta mar l-isptar fl-10 ta' Marzu 2013, l-ilmenti prinċipali li kellu Zahra kienu, kif ukoll ġie mniżżel kemm fil-case summary ta' dott. Vassallo kif ukoll fiċ-ċertifikat tad-Dipartiment tal-Emerġenza – jikkonċentraw fuq l-għajn il-leminija u mhux dik xellugija.

Fil-fatt Zahra jgħid li huwa ġie mogħti daqqa ta' ponn kemm fuq għajnejh il-leminija kif ukoll fuq dik xellugija. Tant li huwa jgħid ċar li kien Fenech li tah id-daqqa fuq għajnejn ix-xellugija u ħadu żbrixx fuq din l-għajn. Dwar dawn id-daqqiet fuq għajnejn Zahra jeskludi lil Attard u jikkonċentra biss fuq Fenech.

Issa minn dak li jirriżulta mix-xiehda ta' dott. Vassallo jirriżulta wkoll li l-problemi prinċipali riskontrati minn Zahra meta mar l-Isptar fl-10 ta' Marzu 2013 ma kienux fl-għajn ix-xellugija iżda f'dik il-leminija. Zahra jgħid li huwa kien operat f'għajnejn ix-xellugija għal katarretti. dott. Vassallo jikteb a fol 97 li Zahra kien għamel "left cataract surgery on the 22/2/13". Iċ-ċertifikat tad-Dipartiment tal-Emerġenza jgħid ukoll li Zahra kien sottopost għal "L cataract Sx under LA on 20/2/13 c/o Mr Gouder – no LE complaints apart from some redness". B'dan il-Qorti tifhem li Zahra kien sottopost għall-intervent kirurġiku f'għajnejn ix-xellugija taħt local anesthetic fl-20 ta' Marzu 2013 taħt idejn Mr Gouder, u li Zahra ma

kellu ebda lmenti dwar għajnu x-xellugija ħlief li kien hemm xi ftit ħmura. Dan essenzjalment jaqbel mal-ispjegazzjoni li ta' dott. James Vassallo. Jidher ukoll mix-xiehda ta' dott. Gouder li fil-fatt meta rawh fl-10 ta' Marzu 2013 ma kienx jippreżenta sitwazzjoni allarmanti f'għajnu x-xellugija. Tant li fir-rapport redatt minn dott. Vassallo jirriżulta li fil-11 ta' Marzu 2013 "no significant left eye findings were evident at that point. He gradually lost vision in the left eye over the afternoon on the 11/3/13". Dan juri li kien hemm peġġorament drastiku bejn l-10 ta' Marzu 2013 u 12 ta' Marzu 2013.

Fit-12 ta' Marzu 2013 Zahra kellu jiġi operat urġentement. Il-kondizzjoni tiegħu kif deskritta minn Mr. Gouder kienet tali li a fol 94 jgħid li "Meta jiena rajtu skoprejt li dan ghandu infezzjoni akuta serja hafna ġewwa l-ghajn u jekk ma taghmel xejn l-ghajn tintilef."

Dwar il-kawża ta' din l-infezzjoni kemm dott. Vassallo qal li normalment din l-infezzjoni tkun kawża tal-operazzjoni u anzi jista' wkoll il-pazjent stess jikkawżaha jekk matul l-ewwel ġimgħa ma joqgħodx attent u ma jipproteġix għajnejh, ma jqattarx, ixarrabha eċċetra iżda "ma tistax teskludi mija fil-mija li żgur ma hijiex mill-aggressjoni li kellu hu" (ara fol 63). Din l-infezzjoni pero kienet fil-parti interna tal-għajn jiġifieri fil-ballun tal-għajn, taħt l-abjad tal-għajn jiġifieri fin-naħa ta' ġewwa tal-għajn. Ma rriżultalhomx x'tip ta' mikrobu kien għax fil-laboratorju ma kien kiber xejn u dan setgħa jkun minħabba l-antibijotiċi li kien qiegħed jieħu Zahra. Biss a fol 65 jgħid li dakinhar li rah u nvistalu għajnu x-xellugija Zahra kien qiegħed jara kważi normali, iżda l-għada ma kien qiegħed jara prattikament xejn. Għall-mistoqsija tal-Uffiċjal Prosekutur jekk il-fatt li l-parte ċivile jtenni li huwa qala daqqa bi żbrixx f'għajnu x-xellugija kien fattur kontributorju għal din l-infezzjoni, dan it-tabib jikkonkludi li : "Iva jekk ikun hemm penetrazzjoni ta' l-ghajn iva pero' trid tkun daqqa kbira ghax trid tidhol fil-ballun ta' l-ghajn biex il-mikrobi jithlu minn barra ghal ġewwa" (fol 65). A fol 66 fuq domanda tal-Qorti dwar meta invistalu għajnu xellugija innotax xi ħaġa mhix f'postha dan it-tabib jgħid li : "eżatt u kien jidher li kienet ftit zghira hamra fejn suppost ikun abjad kien jidher daqs xejn ahmar pero' l-lenti minn ġewwa kienet tidher f'postha u ma kienx hemm sinjali ta' infjammazzjoni fiha fuq dik in-naha jigifieri ma kienx hemm sinjali ta' infjammazzjoni....esternament kien hemm just hmura fuq l-ghajn biss pero' jistghu ikunu kawżi differenti li anka jekk tkun daqs xejn wahda xotta tihmar daqs xejn l-ghajn." Il-ħmura kienet madwar il-kulur tal-għajn.

Il-**<u>kirurgu dott. Melvin Gouder</u>** xehed li huwa kien opera lil Francis Zahra fl-20 ta' Frar 2013 għall-katarretti f'għajnejn ix-xellugija. Meta rah dan it-tabib fit-12 ta' Marzu 2013 sab li Zahra kellu infezzjoni akuta u serja ħafna fl-għajn u jekk ma kienx sejjer isir intervent kienet tintilef. Iddeċieda li jdaħlu biex joperah fit-12 ta' Marzu 2013 fejn ħadulu ftit jelly mill-għajn

u injettawlu l-antibijotiċi. Baqgħa jiffolowjah bħala pazjent outpatient. Għall-mistoqsija tal-Uffiċjal Prosekutur jekk l-infezzjoni li huwa kkura jekk setgħetx tiġi minħabba xi ħaġa partikolari jew konsegwenza tal-intervent (a fol 102) jgħid hekk : - "Il-kaz stramb hi li jiena operajtu fir-right eye u żviluppa l-infezzjoni akuta f'ghajn l-ohra li kienet operata xhur jew snin qabel issa jista jkollok każijiet ta' trauma ta' anka naturali tista' tigri li jkun hemm mikrobu li jithol go l-ghajn u jikkawsa infection serja hafna gol-qalba tal-ghajn". Aktar il-quddiem għal mistoqsija tal-Uffiċjal Prosekutur jekk din l-infezzjoni setgħetx isseħħ f'dawk it-tliet ijiem bejn li Zahra kien mar l-ewwel darba l-isptar u l-ġurnata fejn operah hu f'għajnejh ix-xellugija, dan ix-xhud qal hekk : - "Ehe pero' mhux esklussivament jista' jkun hemm każijiet ohra. Iva trauma hija illi tista' taghmel riskju ta' infezzjoni fl-ghajnejn". Għal mistoqsija tal-Qorti jekk bħala konsegwenza tat-trawma sofferta minn Zahra jistax ikollok dik it-tip t'infezzjoni li ra' hu, dan ix-xhud qal li "Iva definittivament. Narawha f'ħafna każijiet hekk."[1]

Il-Qorti hija moralment konvinta li l-kawża ta' din l-offiża kienet marbuta mal-inċident de quo. Il-Qorti rat li dakinhar tal-10 ta' Marzu 2013 ċioe' fis wara l-inċident, it-tobba li nvistaw lil Zahra raw li ma kellux sintomi preokkupanti f'għajnu x-xellugija. Iżda raw li kien hemm il-ħmura f'din l-għajn. Zahra jixhed li huwa kien ġie milqut f'għajnejh ix-xellugija b'daqqa bi żbrixx mogħtija lilu minn Fenech. Fenech jgħid li huwa ma jafx kif u fejn fajjar idejh. Zahra kien preċiż dwar min u kif ingħata d-daqqa f'għajnu x-xellugija. Iż-żewġt tobba stqarrew li bħala fatt jista' jirriżulta li jkun hemm infezzjoni fl-għajnejn minħabba trawma li l-pazjent ikun sofra f'għajnejh. Il-kirurgu Gouder kien aktar kategoriku dwar dan il-punt mit-tabib Vassallo u qal li bħala fatt jaraw ħafna każijiet fejn tirriżulta infezzjoni konsegwenti trawma. Il-fatt li kienu għaddew bejn l-20 ta' Frar 2013 u l-10 ta' Marzu 2013 mingħajr ma kien hemm sintomi t'infezzjoni fl-għajn ix-xellugija (kif konfermata mid-dijanjożi tad-Dipartiment tal-Emerġenza fl-10 ta' Marzu 2013 u fid-dipartiment tal-oftalmoloġija fil-11 ta' Marzu 2013 minn tobba differenti) iżda li f'daqqa waħda din l-għajn ippreżentat peġġorament drastiku bejn wara nofsinhar tal-11 ta' Marzu 2013 u t-12 ta' Marzu 2013, ċioe' jumejn wara l-inċident de quo, jikkonvinċi moralment lil din il-Qorti li hemm ir-rabta fattwali u ġuridika bejn l-azzjoni ta' Francis Xavier Fenech u l-konsegwenti offiża f'għajn Francis Zahra hawn fuq imsemmija, li stando mal-provi prodotti, tirriżulta li l-

[1] Dan it-tabib fil-bidu tax-xiehda tiegħu a fol 93 jgħid li "jiena operajtu ghamiltlu katarretta ta' rutina fuq l-għajn ix-xellugija fl-20 ta' Frar, tat-2013" aktar l-isfel jgħid hekk : "Rega gie l-ghada fil-11 ta' Marzu 2013 mar Mater Dei u rawh tobba differenti ghal ghajnejn kollegi tieghi u mbghad ġibduli l-attenzjoni peress li jiena kont operajt ftit jiem qabel li dan ghandu problema serja f'ghajnejh l-ohra, l-ghajnejn ix-xellug jigifieri jiena kont operajtu fir-*right eye* pero' żviluppa problema serja fix-xellug li kienet diga' operata qabel mill-kollegi tieghi, l-kirurgi l-ohra." Aktar tard għall-mistoqsija tal-Uffiċjal Prosekutur jekk l-infezzjoni li huwa kkura jekk setgħetx tiġi minħabba xi ħaġa partikolari jew konsegwenza tal-intervent (a fol 102) jgħid hekk : - "Il-kaz stramb hi li jiena operajtu fir-right eye u żviluppa l-infezzjoni akuta f'ghajn l-ohra li kienet operata xhur jew snin qabel issa jista jkollok każijiet ta' trauma ta' anka naturali tista' tigri li jkun hemm mikrobu li jithol go l-ghajn u jikkawsa infection serja hafna gol-qalba tal-ghajn". Għalkemm dan il-kirurgu jgħid hawnhekk li huwa kien opera lil Zahra f'għajnejh il-leminija, fil-fatt huwa qabel kien stqarr li operah f'għajnu x-xellugija. Inoltre, d-dokumentazzjoni prodotta minnu tikkonferma wkoll li l-operazzjoni tal-katarretti kien għamilhielu fl-għajn ix-xellugija u mhux dik il-leminija.

entita tal-offiża hija dik gravi kif prevista mill-Artikolu 216(1)(a)(ii) u 216(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti tqis li l-grad t'involviment ta' Bernard Attard f'dan il-każ, kien tali li għalkemm Zahra jeskludi lill-Attard mid-daqqa fuq għajnu x-xellugija, xorta waħda tqis li għandu jirrispondi għall-egħmil tiegħu bħala kompliċi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Dan peress li Attard kien sa' mill-bidu nett kompartecipi bis-sħiħ ma' Fenech fl-aggressjoni kondotta fuq Zahra u għalhekk tqis li għandu jirrispondi wkoll fir-rigward tal-konsegwenzi li seħħew mid-daqqa sofferta minn Zahra u li wasslet biex ġiet kaġunata l-offiża ta' natura gravi skont kif aktar il-fuq ġie spjegat. Dan fil-fehma tal-Qorti jikkwalifika lill-Attard jekk mhux bħala awtur, żgur bħala kompliċi ma' Fenech fit-twettieq tar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni u dan b'applikazzjoni tal-Artikoli 467(2), 525(3) u 42(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali.[2]

***GĦALDAQSTANT***

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 214, 216(1)(a)(ii)(d), 221(1), 251B, 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, qegħda ssib lil

(a) **Francis Xavier Fenech** mhux ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li ssibu ħati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sena priġunerija; wara li rat l-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali tordna sabiex din is-sentenza ta' priġunerija ma tiġix fis-seħħ ħlief jekk fi żmien sentejn millum jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ; filwaqt li ssib lil

(b) **Bernard Attard** mhux ħati tat-tielet u l-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li

(i) wara li rat l-Artikoli 42(d)(e), 467(2) u 525(3) tal-Kodiċi Kriminali ssibu ħati tal-ewwel imputazzjoni mhux bħala awtur iżda bħala kompliċi,

[2] Ara f'dan is-sens "Il-Pulizija vs omisses u Carmelo Agius" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Mejju 2002 per VDG.

(ii) kif ukoll issibu ħati bħala awtur tat-tieni u tar-raba′ imputazzjoni u tikkundannah għall-piena ta′ sena priġunerija; wara li rat l-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali tordna sabiex din is-sentenza ta′ priġunerija ma tiġix fis-seħħ ħlief jekk fi żmien sentejn millum jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta′ priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ;

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali spjegat liż-żewġ ħatja bi kliem ċar ir-responsabbilità tagħhom taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huma jikkommettu, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta′ priġunerija.

***Mogħtija illum, id-29 ta′ Settembru 2014 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------